MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru. 466/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Antonello Grech)**

**Vs**

**EMANUEL CAMILLERI bin Tarcisio u Pauline nee' Buttigieg, imwieled fil-hdax ta' Frar, 1958 u residenti 7, Triq tal-Hanaq, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 8858G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **EMANUEL CAMILLERI** bin Tarcisio u Pauline nee' Buttigieg, imwieled fil-hdax ta' Frar, 1958 u residenti 7, Triq tal-Hanaq, Nadur, Ghawdex, detentur tal-

karta tal-identita numru 8858G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar il-Hamis 23 ta' Gunju, 2005 ghall-habta ta' 10:40hrs fil-Pjazza tad-Dwejra, Dwejra, limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex bhala persuna responsabbli mit-tmexxija ta' mobile kiosk on a fixed site;

1. Pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed jew ghamara ohra fuq barra ta' l-istabbiliment turistiku minghajr licenzja minn awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli naqas li juri x'imkien li jidher sewwa l-licenzja mahruga ghall-post kummercjali cioe' mobile kiosk on a fixed site;

3. Aktar talli iggestixxa mobile kiosk on a fixed site minghajr licenzja mahruga minn awtorita' kompetenti.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil rappresentant tal-Lands Department Lorry Apap, lil WPC 160 Jacqueline Camilleri u lil Lee Camilleri.

Rat d-dokumenti kollha esibiti mir-rappresentant tal-Lands Department u semghet lil istess jghid li l-mobile kiosk in kwistjoni huwa registrat f'isem Doris Cassar u mhux f'isem l-imputat u lir-rappresentant tal-MTA jghid li l-imputat m'ghandu ebda permess ta' kiosk f'ismu.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel [1] akkuza li hija kontravennzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress li l-imputat gie notifikat bl-akkuzi odjerni wra t-trapass ta' tlett xhur w ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Dwar t-tieni [2] w t-tielet [3] akkuzi, il-Qorti thoss li l-prosekuzzjoni m'irnexxilhiex tipprova li kien l-imputat li kien qed jiggestixxi post kummercjali ghaliex fil-fatt kif xehed r-rappresentant tal-Lands Department, il-permess ghal kiosk huwa f'isem Doris Cassar w ghalhekk fid-dawl tal-istess provi, wara li rat l-artikolu 15(1), 25(1) tal-Avviz

Legali numru 102 tas-sena 2000, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat EMANUEL CAMILLERI hati u tilliberah minn dawn z-zewg akkuzi**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------